MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 427/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

***-- omissis --***
***-- omissis --***
**Nevio Barut**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva fl-10 ta’ Dicembru 2006 kontra Nevio Barut[1], bin Evgen u Alma nee Cah, imwieled Koper, Slovenia fis-26 ta’ Gunju 1962, detentur tal-Karta ta’ l-Identita` Slovena nru 26001550163, talli f’Dicembru 2006 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer kif ukoll barra minn dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess

[1] Nevio Barut kien originarjament akkuzat flimkien ma’ Fabio Zulian u Gaetano Caramazza. In vista ta’ l-ammissjoni ta’ Nevio Barut, il-Qorti tal-Magistrati, fl-udjenza ta’ l-10 ta’ Lulju 2007, ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju.

disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda (**1**) ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja ghaqda ta’ zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta’ prigunerija ghal zmien erba’ snin jew aktar, (**2**) appartjena ghal ghaqda kif imsemmija fl-imputazzjoni minnufih qabel din, (**3**) f’Malta assocja ruhhu ma’ xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f’Malta li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija u li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa; u aktar talli f’Dicembru 2006 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda (**4**) b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta’ aktar minn elf lira a dannu tal-kumpanija Vittoriosa Gaming Ltd (bin-numru tar-registrazzjoni C27613), u ta’ diversi persuni ohra, (**5**) xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza hekk kif kontemplat fl-artikoli 183 u 184 tal-Kodici Kriminali, (**6**) ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u aktar (**7**) xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom, (**8**) hadem bhala *junket leader* minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-26 ta’ Gunju 2007 quddiem l-ewwel qorti li permezz tieghu il-prosekuzzjoni irtirat l-ewwel zewg imputazzjonijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta’ Novembru 2007 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni ta’ l-imsemmi Nevio Barut (registrata ghall-

ewwel darba fl-udjenza tal-21 ta' Dicembru 2006[2]), iddikjaratu hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti (ad eccezzjoni, naturalment ta' l-ewwel zewg akkuzi) u kkundannatu ghal tlett snin prigunerija bit-tnaqqis ta' l-arrest preventiv, u multa ta' tlett elef lira (Lm3,000) "liema multa trid tithallas sakemm jiskonta l-piena karcerarja";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Nevio Barut, minnu pprezentat fil-5 ta' Dicembru 2007, li permezz tieghu l-appellant talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2008; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens illi l-ewwel qorti ma haditx in konsiderazzjoni bizzejjed il-fatt li huwa kkopera mal-pulizija, u mhux biss irregistra ammissjoni fil-bidu tal-proceduri kontra tieghu izda addirittura "xehed fil-konfront ta' dawk li kienu originarjament ko-akkuzati mieghu, u cioe` Fabio Zulian u Gaetano Caramazza".

Din il-Qorti, pero`, tara li l-piena erogata mill-ewwel qorti kienet oggettivament wahda korretta tenut kont tal-fattispeci partikolari tal-kaz. Tajjeb li wiehed jibda billi jghid li l-piena ghar-reat biss ta' truffa aggravata (artikoli 308 u 310(1)(a)) hija ta' prigunerija minn minimu ta' tlettax-il xahar sa massimu ta' seba' snin. Din il-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi minhabba n-natura kontinwata tar-reat (art. 18). Kwantu ghall-imputazzjoni numru tmienja il-piena (ara l-artikoli 20 u 42 tal-Kap. 400) hija ta' multa bejn Euro 6,988.12 u Euro 232,937.34, jew prigunerija ta' mhux izjed minn sentejn, jew dik il-multa u prigunerija flimkien. Issa, ghalkemm huwa minnu li l-appellant ikkopera mal-pulizija – fatt dan rikonoxxut anke mill-ufficjal prosekutur li kkonduca l-kaz quddiem il-qorti inferjuri (ara

[2] Fl-udjenza tat-28 ta' Dicembru 2006, pero`, din l-ammissjoni giet konfermata biss limitatament ghar-raba', hames, sitt u seba' akkuzi ossia imputazzjonijiet, izda giet irtirata fir-rigward ta' l-ewwel tlett akkuzi. Kien biss fl-udjenza fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2007 li Barut ikkonferma mill-gdid l-ammissjoni tieghu u dan wara li fl-udjenza precedenti, cioe` dik tas-26 ta' Gunju 2007, il-prosekuzzjoni irtirat l-ewwel zewg akkuzi u ziedet l-akkuza numru tmienja.

t-trattazzjoni a fol. 15 *et seq.*) – ir-reati li taghhom huwa ddikjara li kien hati gew kommessi principalment a dannu ta' istituzzjoni tal-loghob, cioe` kazino`, regolata bil-ligi. Ghalkemm wiehed jista' jiddibatti l-moralita` tal-loghob f'tali istituzzjonijiet, dawn, bhala parti mill-pakkett turistiku li joffri pajjizna, ghandhom jigu protetti wkoll fis-sens li l-qrati ghandhom jibghatu messagg car li dawn l-istituzzjonijiet m'ghandhomx iservu biex xi hadd jigi minn barra u jaghmel jew jipprova jaghmel paljazza minnhom. Fi kliem iehor, il-koperazzjoni ta' l-appellant mal-pulizija f'dan il-kaz ghandha tigi mwiezna mal-hsara mhux biss reali izda wkoll potenzjali li tali reati jikkagunaw ghas-settur turistiku.

Mill-atti jirrizulta li quddiem l-ewwel qorti it-trattazzjoni fuq il-piena saret darbtejn – darba fis-6 ta' Settembru 2007 (fol. 15 sa 20) u darb'ohra fit-22 ta' Novembru 2007 (fol. 27 sa 30). L-ewwel qorti jidher li hadet in konsiderazzjoni dak kollu li gie sottomess lilha, anke jekk forsi ma qaghditx tirripruduci l-argumenti kollha fis-sentenza taghha – kif del resto ma kienitx obbligata li taghmel.

Kollox ma' kollox din il-Qorti tara li l-piena erogata mill-ewwel qorti kienet wahda gusta u proporzjonata, u ma ngab xejn a konjizzjoni ta' din il-Qorti li b'xi mod jista' jwassalha biex tvarja dik il-piena.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------